**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Settembru, 2018**

**Rikors nru: 375/18 AV**

A

Vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fl-24 ta' Awwissu, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata B nhar l-14 ta' April tas-sena 2007, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dokument A.

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja in atti Nutar Dottor tal-Ligi, Josef Christian Masini Vento, datat 5 ta' April tas-sena 2013, Dokument B.

Illi llum il-gurnata b'kollox iddekorrew iktarminn erba' (4) snin mid-data tal-istess firda personali tal-partijiet u effettivament ma tezisti ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimata.

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif inhu anke stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni anness, il-partijiet kienu ddekadew reciprokament ghall-manteniment minghand xulxin, kwindi ma tezisti ebda lanjanza f'dan is-sens bejn l-istess partijiet.

Illi mill-imsemmi zwieg il-partijiet kellhom tifel bl-isem ta' C, imwieled nhar l-24 ta' Gunju tas-sena 2008, u ghalhekk ghadu minorenni, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid, Dokument C. Nonostante dan, l-esponenti jiddikjara li m'hemmx vertenzi relatati mal-hlasijiet ta' manteniment versu l-minuri stante li huwa dejjem onera l-obbligu tieghu ta' hlas, u ghalhekk ma jezistux pendenzi.

Illi in vista ta' dan premess jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghall-otteniment ta' divorzju bejn l-istess partijiet.

Ghaldaqstant u in vista ta' dak espost fil-premess, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qortisabiex:-

(a) Tiddikjara li z-zwieg taghhom huwa mahlul u li l-partijiet huma ddivorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; u
(b) Konsegwentement tordna li r-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u biex jirregistrah skond il-ligi fir-RegistruPubbliku.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2018 minn fejn jirrizulta illi l-konvenuta deheret f'dik is-seduta, u ddikjarat illi m'ghandiex oggezzjoni ghat-talbiet attrici.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' April, 2013 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; Illi ir-rikorrent ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghal dawn il-motivi din il-Qortitaqta' u tiddeciedi din il-kawzabilli:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Tilqa't-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**